**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 12 ta' Lulju, 2018**

**Talba Nru: 181/2018PM1**

**PC Options Limited (C23276)**

**Vs**

**Letizia Muscat (ID Nru. 396498(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-tletin (30) t'April, 2018 permezz ta' liema s-socjeta` attrici talbet li l-intimata tigi kkundannata thallas is-somma ta' elf u mitt euro u hmistax-il centezmu (€1100.15) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' telefon cellulari li l-intimata xtrat minghand is-socjeta` attrici oltre imghaxijiet ghal hlas tardiv kif maqbul permezz tal-kuntratt sottoskritt mill-istess intimata datat 21 t'April, 2017 bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali datata 2 ta' Novmbru, 2017 u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess intimata ingunta in subizzjoni.

Ra l-kuntratt datat 21 t'April, 2017 sottoskritt mill-intimata (Dok. 'A' a fol. 2 tal-process), l-istatement relattiv (Dok. 'B' a fol. 4 tal-process) u l-ittra legali datata 2 ta' Novembru, 2017 (Dok. 'C' a fol. 5 tal-process).

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti tas-6 ta' Lulju, 2018, 9 ta' Lulju, 2018 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tad-9 ta' Lulju, 2018 u fil-fatt l-intimata ma dehritx sabiex tirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra. L-ammont mitlub jinsab ukoll pruvat mid-dokumentazzjoni ezebita flimkien mal-avviz. Fir-rigward tal-ispejjez jinghad li d-drittijiet legali relattivi ghall-istess ma gewx pruvati u likwidati u kwindi t-Tribunal ma jistax jikkundanna lill-intimata thallas tali ammont mhux pruvat u likwidat. Fir-rigward tal-imghaxijiet jinghad li mill-avviz u kif ukoll mill-istatement anness mat-talba (Dok. 'B' a fol 4 tal-istess) irrizulta li l-ammont mitlub jinkludi wkoll imghaxijiet fuq il-bilanc tal-prezz tat-telefon cellulari li l-intimati xtrat minghand is-socjeta` attrici u dana relattivament ghax-xhur li jmorru minn Gunju 2017 sa Marzu, 2018. Ghaldaqstant it-Tribunal isib li l-imghaxijiet ghandhom ikunu komputati, oltre dawk diga` likwidati u indikati fl-istess statement, fuq il-bilanc tal-prezz tal-istess telefon ossija fuq is-somma ta' elf u tmienja u tletin euro u sebgha u hamsin centezmi (€1038.57) bir-rata legali mix-xahar ta' April, 2018 u dana in linea ma' dak pattwit bejn il-partijiet permezz tal-kuntratt datat 21 t'April, 2017 (vide klawsola 8 tal-istess).

Ghaldaqstant, peress illi, salv ghal dak surreferit, it-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici is-somma mitluba ta' elf u mitt euro u hmistax-il centezmu (€1100.15) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' telefon cellulari u imghaxijiet in vista tal-hlas tardiv skont il-kuntratt datata 21 t'April, 2017 bl-ispejjez ta' din il-kawza, salv ghal dawk tal-ittra legali datata 2 ta' Novembru, 2018, u bl-imghaxijiet ulterjuri kif mitlub fuq is-somma ta' elf u tmienja u tletin euro u sebgha u hamsin

centezmi (€1038.57) minn April, 2018 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess intimata.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**